Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Illum: 14 ta' Marzu, 2025

Il-Pulizija
(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)

Vs

Victor Felice

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta'; Victor Felice ta' 56 sena, iben Consiglio Felice u Margaret Felice xebba Azzopardi, imwieled Pieta' fi 8 ta' Settembru 1968, residenti Blk 14A, Fl 1, Triq il-Fontanier, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 376268M

Talli nhar it-12 ta' Marzu, 2025, ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar (17:00hrs), gewwa Triq Hal Qormi, Marsa u/jew fil-Gzejjer Maltin:-

1. **Inġurja, jew hedded, jew ghamel offiża** fuq il-persuna/i inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minħabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
   Artiklu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu il-vettura ta' għamla Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni KCC919 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba **xorb jew drogi**;
   Artiklu 15A(1) Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. **Irrifjuta** jew naqas milli jagħti kampjun tan-nifs tiegħu wara li kien avżat li dak in-nuqqas jew rifjut jikkostitwixxi reat;
   Artiklu 15E(4) Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Saq vettura ta' għamla Hyundai rregistrata bi numru KCC919 u/jew vettura bil-mutur jew vettura ohra b' mod **perikoluz**;

Artiklu 15(1) (a) Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Saq vettura ta’ għamla Hyundai rregistrata bi numru KCC919 u/jew vettura bil-mutur jew vettura ohra bi **traskuragni**;
   Artiklu 15(1) (a) Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Saq vettura ta’ għamla Hyundai rregistrata bi numru KCC919 u/jew vettura bil-mutur jew vettura ohra b’ **nuqqas ta’ kont**;
   Art 15(1) (a) Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. **Naqas li jobdi l-ordnijiet leggittimi** tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b’ xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lill haddiehor jaghmel dak li b’ ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi jew b’xi mod iehor li jkun;
   Artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. F’lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab **fis-sakra** b’mod li ma setghax jieħu ħsieb tiegħu innifsu;
   Artiklu 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

9. Ghamel lil haddiehor **ingurji jew theddid**, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
   Artiklu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-udjenza tal-14 ta’’ Marzu, 2025 l-imputat wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet.
Il-Qorti wissiet lilll-imputat bl-aktar mod solenni reigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundabnnah ghal piena li tista` tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorja. Il-Qorti warali taghtu zmien bizzejjed sabiex anki jikkonsulta mal-avukat digfensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jergha lura mill-ammissjoni registrata minnhu semghet lill-imputat itenni li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.
Rat li l-imputat iddikjara li jixtieq jiskuza ruhu mal-ufficjali pubblici kollha f’dan il-kaz.
Rat l-artikoli 95, 338(ee) 338(ff) 339(1)( e)u 383(1) u 28 A(1) 28B tal-Kap 9 u artikoli 15A(1) 15 E (4) 15(1) (a) ) u (2) tal- Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni.
Semghet l-ammissjoni tal-imputat.
Rat l-atti u dokumenti ezebiti.
Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Rat l-ammissjoni tal-imputat u l-Qorti issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet kontrih .
Rat li l-imputat irriegistra ammissjoni fi stadju bikkri tal-proceduri.

**Decide**
Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 95, 338(ee) 338(ff) 339(1)( e)u 383(1) u 28 A(1) 28B tal-Kap 9 u artikoli 15A(1) 15 E (4) 15(1) (a) u (2) tal- Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Victor Felice hati tal- akkuzi kollha fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal mulkta ta elf u mitejn euro (1,200) , sitt(6) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1), sitt (6) xhur sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan u Tordna Obbligazzjoni ghas-sigurta ta' persuna u biex jinzamm il-bon ordni skont l-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta fil-konfront ta' PC50 William Zerafa , PS 325 Horace Seychel, EO494 Jean Pierre Galea EO 361 Jonathan Xiriha CO 75 Wayne Vella u CO 786 Robert Sciberras liema Obigazzjon ighanda tifforma parti integratli minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat bi kliem car lil Victor Felice ir-responsabiltajiet tieghu jekk jikkommetti rejat maghtul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**